ĠEMMA
know, plan, act.

Għandek xi mistoqsija għal ĠEMMA?
Iktbilna fuq **gemma@gov.mt**

Għal aktar informazzjoni żur
**www.gemma.gov.mt**

Programm Operattiv II – Fondi Strutturali
u ta' Investiment Ewropej 2014-2020
Rata ta' ko-finanzjament: 80% Fondi
mill-Unjoni Ewropea; 20% Fondi Nazzjonali

## 10. BENEFIĊĊJI SOĊJALI LI TISTA' TKUN INTITOLAT GĦALIHOM

Dawn jiddependu mill-età tiegħek, mill-gravità tad-diżabilità, minn jekk sirtx diżabbli qabel jew wara li kont impjegat, u ħallastx il-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali. Dawn jinkludu:

- Children Allowance Speċjali – għal persuna b'diżabilità taħt is-16-il sena (14 f'każ ta' vista batuta).
- Pensjoni tal-Invalidità – jekk sirt diżabbli u ma tistax taħdem aktar wara li ħdimt u ħallast 250 kontribuzzjoni tas-Sigurtà Soċjali.
- Assistenza Miżjuda għal Diżabilità Severa – f'każ li għalaqt is-16, id-diżabilità tkun gravi, tkun diżimpjegat, u ma tikkwalifikax għall-Pensjoni tal-Invalidità.
- Assistenza għal Diżabilità Severa jew Assistenza għal Persuna b'Vista Batuta – jekk id-diżabilità tkun severa jew inti persuna b'vista batuta, għalaqt is-16, u ma tikkwalifikax għall-Pensjoni tal-Invalidità.
- Assistenza għal Diżabilità – għal min ibati minn paraliżi totali permanenti, jew malfunzjoni gravi totali permanenti, jew marda totali permanenti, sew jekk ikkawżata b'amputazzjoni jew mod ieħor, ta' driegħ jew riġel wieħed.
- Allowance Miżjuda għal Carer jew Allowance għal Carer.
- Assistenza Medika (SKA) – għal persuni li jbatu minn mard kroniku.

Aktar informazzjoni u formoli ta' applikazzjoni mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali minn din il-link www.socialsecurity.gov.mt

## BENEFIĊĊJI OĦRA:

- Karta Safra (Skeda V): medikazzjoni bla ħlas għal persuna b'ċerti kundizzjonijiet kroniċi.
- Karta Roża (Skeda II): aċċess għal ċerti prodotti mediċinali għal persuna b'mezzi limitati.
- Ikel dijetetiku.
- Servizz ta' trasport biex tattendi appuntamenti mediċi fl-isptar ġenerali.

Aktar informazzjoni mill-Unità dwar l-Ispiżerija tal-Għażla Tiegħek / Taqsima Approvazzjoni ta' Mediċini minn din il-link: **https://deputyprimeminister.gov.mt/en/poyc/Pages/360%C2%B0-One-Stop-Shop-Service-Concept/Medicines-Approval/Introduction.aspx**

ĠEMMA
know, plan, act.

## 11. GĦANDEK BŻONN MIN JAMMINISTRALEK FLUSEK?

L-aħjar ħaġa kieku l-affarijiet tiegħek tieħu ħsiebhom int, imma jistgħu jinqalgħu ċirkustanzi li jġegħluk tħalli dawn l-affarijiet f'idejn ħaddieħor biex ma tinqabadx f'xi dejn jew b'ħafna kontijiet mhux imħallsin, u tispiċċa mingħajr servizzi essenzjali bħal dawl, ilma, mobile, internet, ecc. Jistgħu jispiċċaw ibatu wkoll persuni li jiddependu minnek. Agħżel lil xi ħadd li tafda, għax jaf ikollok bżonn tafdah anki bi flusek il-bank u l-credit cards tiegħek. Kun ċar dwar liema affarijiet tridu jeħodlok ħsieb. Ikollok bżonn tagħmel prokura, li dwarha trid tkellem avukat tal-fiduċja tiegħek.

## TIMPJEGA MIEGĦEK PERSUNI B'DIŻABILITÀ?

Jeżistu diversi benefiċċji jekk timpjega persuni b'diżabilità, bħal eżenzjoni mill-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali dovuti minnhom; sussidju għal paga għal numru ta' ġimgħat għal kull persuna b'diżabilità li timpjega; sapport għal persuni b'diżabilità fil-perijodu transitorju bejn id-diżimpjieg u l-impjieg; tnaqqis mill-income tax għal spejjeż minfuqa f'adattament ta' bini, tagħmir ġdid u modifiki u taħriġ biex timpjega persuni b'diżabilità.
Aktar informazzjoni: Jobsplus u CRPD (ara dettalji fuq)

## L-EDUKAZZJONI TA' WLIEDEK B'DIŻABILITÀ

Għajnuna marbuta mal-edukazzjoni ta' wliedek, bħal Learning Support Educator (LSE), Servizz Psikoloġiku, l-użu ta' tagħmir teknoloġiku, Early Childhood Intervention, ecc.

- Servizzi Nazzjonali ta' Sapport għall-Iskejjel: **studentservices.mede@gov.mt.**
- Child Development Assessment Unit (CDAU): **https://education.gov.mt/en/education/student-services/Pages/Special_Education/Access-to-Communication--Technology-Unit-(ACTU).aspx kif ukoll https://education.gov.mt/en/education/student-services/Pages/Special_Education/Early-Childhood-Intervention.aspx**

## QED TGĦIN LIL XI ĦADDIEĦOR B'DIŻABILITÀ?

Bħala qarib jew persuna tal-fiduċja, probabbli li inti taf il-persuna li qed tgħin aħjar minn ħaddieħor, għalhekk inti tista' tinnota kambjamenti fl-imġiba u fil-burdati tal-persuna li jistgħu jixegħlulek bozza ħamra. Għidilhom jinfurmawk meta jħossu li ma jkunux f'sikkithom. Kuni ċari bejnietkom dwar xi jkun mistenni minnek.

Fondi tal-UE
għal Malta
2014-2020

MINISTERU GĦALL-FAMILJA,
DRITTIJIET TAT-TFAL U SOLIDARJETÀ SOĊJALI

SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦALL-FONDI EWROPEJ

ĠEMMA
know, plan, act.

# Indipendenza finanzjarja **għall-persuni b'diżabilita'**



www.gemma.gov.mt
KNOW. PLAN. ACT.

# Il-kampanja edukattiva finanzjarja **ĠEMMA**

Din hi inizjattiva kofinanzjata mill-Kummissjoni Ewropea u l-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali permezz tal-Fond Soċjali Ewropew. L-għan tal-kampanja edukattiva finanzjarja huwa li teduka gruppi vulnerabbli differenti f'Malta dwar kif jieħdu ħsieb flushom u l-irtirar tagħhom. Il-website tagħna hija gemma.gov.mt u hija mfassla b'mod li tgħinek tagħmel deċiżjonijiet intelliġenti dwar il-finanzi personali tiegħek. Toffrilek calculators u suġġerimenti prattiċi dwar mistoqsijiet li jista' jkollok dwar il-flus u l-irtirar. Żurna fuq: **www.gemma.gov.mt**.

Bl-avvanzi li saru fl-aħħar snin, persuni b'diżabilità sar għandhom ħajja aktar indipendenti. Minkejja dan, l-isfidi fil-ħajja ma jiqfux. Il-mard jew id-diżabilità stess joħolqu ċerti sfidi, u dawn jistgħu ma jħallukx tieħu ħsieb tajjeb il-finanzi tiegħek; tibda ssibha diffiċli tieħu ċerti deċiżjonijiet li jkollhom x'jaqsmu mal-flus, mat-tfaddil, mal-impjieg, mal-ispejjeż tal-ħajja. Dan jista' jħalli impatt ukoll fuq l-għeżież tiegħek f'każ li tiġi nieqes.

Dan l-ebook huwa maħsub biex jgħinek tkun aktar indipendenti billi jagħtik tagħrif dwar kif tista' żżid id-dħul tiegħek (taħriġ, impjieg aħjar, allowances) u tnaqqas l-ispejjeż (għajnuniet b'xejn jew irħas) u jgħinek tinforma ruħek tajjeb, anki b'għajnuniet online li jeżistu.





## 1. L-EWWEL GĦAJNUNA

Iż-żewġ entitajiet governattivi ewlenin li f'każ ta' bżonn min-naħa tagħhom jistgħu jwassluk għand entitajiet oħra huma:

- Is-Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva: Tel: 2590 3140
- Il-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD): Tel: 2226 7600, SMS biss: 7978 8555 (Għawdex: 2155 6002); email: **helpdesk@crpd.org.mt**; website: **crpd.org.mt**

NGOs li jaħdmu ma' persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom u li huma rreġistrati mal-Uffiċċju tal-Kummissarju għal Organizzazzjonijiet Volontarji jistgħu jiġu aċċessati minn hawn: **https://education.gov.mt/en/vo_home/Pages/vo_list.aspx**.

## 2. AGĦMEL BUDGET BIEX TIPPROTEĠI FLUSEK

Agħmel budget kull xahar biex tkun taf fejn sejrin flusek u jekk intix tlaħħaq mal-ispejjeż. Taf, pereżempju, kemm qed tonfoq fuq groceries, divertiment, dawl, ilma, mobile, internet, eċċ.? Il-vantaġġ tal-baġit huwa li jgħinek ma tispiċċax tiddejjen, ma tinqabadx bla flus jekk jitfaċċaw xi spejjeż għal għarrieda, u tkun tista' ġġemma' għall-quddiem.

Iddistingwi bejn dak li għandek bżonn u dak li sempliċement tixtieq li jkollok. Niżżel il-mobile app tagħna dwar il-budget minn: **www.gemma.gov.mt/ downloadable-budget-planner/**. Din l-app tagħmillek ħafna mix-xogħol hi, u ma jkollokx għalfejn toqgħod tagħmel ħafna kalkoli. Kulma jkollok bżonn tagħmel hu li ddaħħal l-ammont tad-dħul fix-xahar u l-ispejjeż ta' kuljum skont il-budget li tagħmel inti stess.

## 3. TIDĦOLX F'DEJN

Jekk diġà dħalt f'xi dejn, tippruvax issolvih billi tissellef, speċjalment minn persuni li jsellfu b'imgħax għoli (użura). Kellem lill-bank, u fittex ukoll l-għajnuna mingħand persuna li tafda u li tixtieqlek il-ġid, bħall-kappillan tal-parroċċa tiegħek jew Caritas Malta (Tel: 2590 6600).

## 4. ŻID ID-DĦUL TIEGĦEK B'AKTAR TAĦRIĠ

Aktar ma għandek tagħrif u taħriġ, akbar iċ-ċans li jkollok impjieg b'paga tajba. Fil-website www.jobsplus.gov.mt/training-opportunities issib lista ta' opportunitajiet ta' taħriġ ipprovduti minn Jobsplus. Tista' wkoll tara l-kurrikulu offrut mill-MCAST, li tista' taċċessah minn: **www.mcast.edu.mt/rfm/source/Prospectus/ Prospectus_2018/index.html#p=1**.

## 5. BIEX TIBDA TAĦDEM

Irreġistra online bħala persuna b'diżabilità ma' Jobsplus hawn: **https://jobsplus.gov.mt/job-seekers-mt-MT-en-GB/guidance-services/inclusive-employment-services**.

Meta tirreġistra tista' tibbenefika minn diversi skemi u inizjattivi ta' taħriġ li jgħinuk tfittex impjieg u takkwista ħiliet biex tagħraf tadatta ruħek għad-dinja tax-xogħol, jissapportjawk fil-perijodu ta' transizzjoni bejn id-diżimpjieg u l-impjieg, jgħinuk tiffoka fuq aspetti partikolari tax-xogħol, u jirreplikaw l-impjieg biex jgħinuk iżżid il-ħiliet u l-impjegabilità tiegħek.

Ara wkoll:

- Fondazzjoni Lino Spiteri: **info@lsf.org.mt**; **www. linospiterifoundation.org**
- Aġenzija Sapport: **sapport@gov.mt**; **https://sapport.gov.mt/en/Contact-Us/Pages/Contact-Details.aspx**

## 6. FADDAL

Ħu ħsieb warrab xi ħaġa kull xahar biex issibha taħt rasek meta jinqala' l-bżonn. Ippjana għal żmien l-irtirar tiegħek billi tħallas il-kontribuzzjonijiet kollha tas-Sigurtà Soċjali. B'hekk ma jkunx hemm impatt negattiv fuq l-ammont tal-pensjoni tiegħek meta tirtira u impatt ħażin ukoll fuq l-għeżież tiegħek. Ftakar ukoll li fi żmien l-irtirar id-dħul tiegħek se jonqos u l-bżonnijiet jiżdiedu. Tkun taf jekk ikunux qed jitħallsu l-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali billi tara l-payslip li tingħatalek mal-paga jew billi żżur l-eqreb uffiċċju tas-Sigurtà Soċjali fuq **https://socialsecurity.gov.mt/en/about-us/Pages/District-Offices-.aspx**

## 7. HOUSING SOĊJALI GĦAL PERSUNI B'DIŻABILITÀ

Tista' tapplika għall-housing soċjali u għal benefiċċji oħra relatati mal-housing, fosthom għajnuna biex tagħmel xogħlijiet ta' adattament fid-dar relatati mad-diżabilità.

Awtorità tad-Djar: **customer.care.ha@ha.gov.mt**; **https:// housingauthority.gov.mt/en/Pages/Schemes/all-application-forms.aspx**

## 8. IL-KARTA EWROPEA TAD-DIŻABILITÀ

Applika mas-CRPD għall-Karta Ewropea tad-Diżabilità, li toffri trasport b'xejn mal-Gozo Channel, trasport b'xejn għal appuntamenti fi sptarijiet tal-gvern, servizz bi prijorità f'banek u dipartimenti governattivi, kif ukoll diversi skonti u benefiċċji f'numru ta' pajjiżi tal-UE.

## 9. UŻU TAT-TEKNOLOĠIJA

Fid-dinja tal-lum diffiċli tgħaddi mingħajr il-kompjuter, il-mobile, l-internet u għajnuniet oħra moderni bħal dawn. Għal għajnuna fl-akkwist ta' apparat teknoloġiku kif ukoll taħriġ fl-użu tiegħu kellem lill-Fondazzjoni għall-Aċċessibilità tat-Teknoloġija tal-Informatika (FITA) fuq dan il-link **https://fitamalta.eu**

